**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 11 ta' Jannar, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Supretendent Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Alexander Tranter**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Alexander Tranter detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 046464M u akkuzat talli bejn Lulju 2005 u Mejju 2010, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, personalment u/ jew fil-kapacita' tieghek ta' Chairman tal-koporazzjoni Enemalta;

a. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/I ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu ( €2,329.37) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta u tal-Gvern ta’ Malta, liema somma gie fdata jew ikkunsinnat lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhaba depozitu necessarju;
b. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezz kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qreq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi folox, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.73) ghad-dannu tal-komporazzjoni Enemlta u tal-Gvern ta’ Malta;
c. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg tieghu, ghamel uzu hazin min flejjes tal-Gvern tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghek, jew sraqt tali flejjes tal-Gvern u oggetti ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-az ta’ htija, barra li tinfliggi il-peina stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet gentilment wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti

jew periti fil-proceduri hekk kif ikkotemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas- 7 t' Ottubru, 2016 (esebita a fol. 650 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 293, 294 310(1)(a)(b), 310A, 310B tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 308, 309, 310 (1)(a)(b), 310A, 310B tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikol 18, 127 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-2 ta' Dicembru 2016 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegat uzu hazin ta' fondi pubblici (misuse of public funds u excessive spending), misapproprjazzjoni u frodi ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta mill-imputat Alexander Tranter waqt li huwa kien jokkupa l-kariga ta' non-executive Chairman

tal-Korporazzjoni Enemalta bejn l-1 ta' Lulju, 2005 u l-31 ta' Mejju, 2010. F' dan il-perjodu id-day to day running tal-Korporazzjoni kien jiehu hsiebu c-Chief Executive Officer tal-Kumpanija u l-imputat kien jattendi ghal board meetings darbtejn fix-xahar u jidhol l-ufficju li kellu l-Enemalta skond il-bzonn. Sabiex tghinu fix-xoghol tieghu l-imputat kellu bhala personal assistant lil certu Bronia Mercieca.

Illi l-Pulizija bdew jinvestigaw dan il-kaz f' Mejju 2014 wara li rcevew rapport li sar mill-Internal Audit and Investigation Department fi hdan il-Korporazzjoni Enemalta fejn il-Korporazzjoni allegat li sar uzu hazin u nfieq eccessiv bil-credit card assenjat lill-imputat bhala Chairman fil-qadi ta' dmirijietu.

Illi fil-21 ta' Mejju 2014 il-Pulizija Ezekuttiva nterrogaw lill-imputat fejn huwa rrilaxxja stqarrija (Dok JF 1 a fol 54 tal-atti processwali). Huwa rega' rrilaxxja stqarrija ohra fit-3 ta' Lulju, 2014 (Dok JF2 a fol 55 tal-atti processwali)[1].

Illi minn ezami tax-xhieda taz-zewg ufficjali investigaturi f' dan il-kaz (l-Ispettur Jonathan Ferris li xehed waqt l-udjenza tat-30 t' Ottubru, 2014 u li dak iz-zmien Spettur u llum Assistant Kummissarju Ian Abdilla (xehed waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2014), kif ukoll minn ezami akkurat tal-atti processwali, jirrizulta li l-imputazzjonijiet ta' misapproprjazzjoni, frodi u uzu hazin ta' fondi pubblici jirreferu ghal hames episodji jew incidenti li ser jigu elenkati hawn taht.

[1] Traskrizzjoni tal-istqarrija li ttiehdet b' mezi awdjo-visivi tinsab inserita a fol 490.

Illi l-ewwel episodju ta' allegata misapproprjazzjoni kien jirrigwarda ATM transaction konsistenti f' cash withdrawal li sar fit-28 t' Awwissu, 2008 (vide dok JF 7 a fol 126) bil-credit card mahruga f' isem l-Enemalta ghall-uzu tac-Chairman ghall-ammont ta' £200 (mitejn Sterlina) ekwivalenti ghal mitejn erbgha u hamsin ewro u tmienja u sebghin ewro centezmi (€254.78). Il-Pulizija qed tallega li l-imputat ma kien fuq l-ebda official travel list tal-Enemalta dakinhar li gibed il-flus u ghaldaqstant dan ifisser li l-cash withdrawal sar ghall-uzu personali tieghu.

Illi t-tieni episodju ta' allegata misapproprjazzjoni jew uzu hazin ta' fondi pubblici tirrigwarda refund ta' prezz ta' zewg flights ghall-Miami. F' Ottubru 2009 l-imputat u c-Chief Financial Officer tal-Korporazzjoni Enemalta ta' dak iz-zmien Joseph sive Pippo Pandolfino kellhom jattendu Fuel Summit Conference li kellha ssir Miami u kienu ser ikunu akkompanjati minn nisa rispettivi taghhom. Il-flights relattivi gew prenotati minn certu Lino Vassallo[2] ta' Westland Travel. Wara li inxtraw il-biljetti c-Chief Financial Officer ma setax imur ghal din il-konferenza minhabba xoghol iehor ta' natura urgenti u ghalhekk il-flights tieghu u ta' martu gew kancellati u sar refund tal-biljetti lill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Prosekuzzjoni qed tallega li dan ir-re-imbursement li kien jikkonsisti fis-somma ta' €3,644 kien sar fil-kont personali tal-imputat u mhux lill-Korporazzjoni Enemalta u dan fuq struzzjonijiet moghtija minnu stess lil Lino Vassallob permezz ta' email.

[2] Vide Xhieda a fol 183 u 685

Illi t-tielet episodju ta' allegata misapproprjazzjoni jew uzu hazin ta' fondi pubblici jirrigwarda l-ammont ta' €608.60 (vide document a fol 59) li sar fl-2010 minn fuq il-credit card tal-Enemalta ghall-uzu tac-Chairman liema pagament sar minn Alexander Tranter ghal zewgt iljieli akkomodazzjoni fil-lukanda Hilton f' Londra ghal kamra utilizzata mill-personal assistant tieghu Bronia Mercieca. F' din l-okkazzjoni l-imputat flimkien ma' zewg Ufficjali ohra tal-Korporazzjoni, l-Engineer Janice Mercieca u c-Chief Financial Officer Antoine Galea kienu attendew ghall-IP week li kienet qed issir Londra. Bronia Mercieca ma kinitx tifforma parti mid-delegazzjoni ufficjali tal-Enemalta li attendiet ghall-konferenza izda akkompanjat lic-Chairman fejn hallset ghall-flight taghha u kienet fuq vacation leave izda waqt li kienet Londra attendiet ghal meeting ghan-nom tal-Enemalta minhabba li kien hem clash ta' meetings fejn l-ufficjali l-ohra ma setghux jattendi ghal zewg meetings fl-istess hin. Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li l-imputat ghamel uzu hazin mill-credit card assenjata lilu meta hallas dan l-ammont ghall-akkomodazzjoni tal-personal assistant tieghu.

Illi r-raba' episodju ta' allegata misapproprjazzjoni da parti tal-imputat jirrigwarda Sony Vario Laptop li l-imputat kien xtara mill-Amerika fl-2007 ghall-prezz ta' Lm 1035 li bil-credit card tal-Enemalta liema Laptop huwa kien zamm wara li rrizenja mill-kariga ta' non-executive Chairman fl-2010.

Illi l-hames episodju ta' allegata misapproprjazzjoni tirrigwarda sensiela ta' kontravenzjonijiet tat-traffiku li thallsu permezz tal-credit card tal-Enemalta ghall-uzu tac-Chairman (vide Dok IA1 a fol 116 sa 118 fejn hemm id-dettalji tal-kontravenzjonijiet). F' din il-lista hemm l-ammont li

thallas bhala multa ghall-kontravenzjoni tal-karozza nvoluta u t-tip ta' kontravenzjoni. Jidher li l-magguranza tat-tickets kienu jinvolvu l-uzu tal-vettura tal-marka Honda bin-numru tar-registrazzjoni FQZ 319, dik tal-marka Alfa Romeo bin-numru tar-registrazzjoni FQZ 146. Hemm ukoll kontravenzjonijiet rigwardanti l-vettura tal-marka Jeep bin-numru ta' registrazzjoni GET 747 u dik tal-marka Toyota IAK 526. Il-vetturi tal-marka Honda u Alfa Romeo kienu registrati f' isem l-Enemalta u kienu jintuzaw mhux biss mic-Chairman izda anki minn senior managers u wahda minnhom kienet Chauffer driven.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga' ntqal aktar 'il fuq f' dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' misapproprjazzjoni (Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali), frodi (Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali) u uzu hazin ta' fondi pubblici (Artikolu 127 tal-Kodici Kriminali).

Illi waqt it-trattazzjoni finali l-Prosekuzzjoni iddikjarat li t-tlett imputazzjonijiet inghataw bhala wahda alternattiva ghall-ohra u li hija kienet qed tinsisti principalment fuq l-imputazzjoni ta' misapproprjazzjoni. L-istes Prosekuzzjoni precizat ukoll li hija kienet qed tinsisti li tirrizulta r-rejita' principalment rigward l-episodji tal-hlas tal-lukanda f' Londra waqt l-IP week u l-pagamenti tal-Amerka fejn il-Qorti fehmet li l-Prosekuzzjoni kienet qed tirreferi ghar-refund tal-flights ghall-Miami.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tipprocedi sabiex taghmel ezercizzju fejn l-ewwel ser tindika x' jirrizulta mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar kull episodju ta' allegata misapproprjazzjoni appena ndikat imbaghad tikkunsidra jekk abbazi ta' dawn il-provi tistax titqies li tirrizulta r-rejita' ghall-misapproprjazzjoni jew altrimenti ghall-imputazzjonijiet l-ohra li nghataw bhala alternattiva.

1. Il-Cash withdrawal ta' £200 mill-ATM fl-Ajruport ta' Gatwick.

Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni rrizulta li fit-28 t' Awwissu, 2008 sar cash withdrawal ta' £200 mill-imputat permezz tal-credit card mahruga f' isem l-Enemalta ghall-uzu tieghu fil-qadi ta' dmirijietu bhala non-executive Chairman tal-Korporazzjoni.

Illi dwar il-proceduri rigwardanti l-uzu tal-credit cards xehed ic-Chief Financial Officer Antoine Galea (a fol 283 et seq) li spjega li l-policy ta-Korporazzjoni kienet li c-Chairman u certu ufficjali gholjin fi hdan il-korporazzjoni ikollhom l-uzu ta' credit cards sabiex ihallsu ghal spejjez in konnessjoni max-xoghol taghhom anki waqt safar. Gie spjegat li huma mbaghad kienu jghaddu c-chits relattivi ghall-ispejjez li kienu jaghmlu lil Finance Department fejn dawn tal-ahhar imbaghad jaghmlu l-verifiki mal-bank statements relattivi.

Illi meta gie nterrogat l-imputat huwa indika li huwa kien jaddotta din il-procedura fejn kien jghaddi c-chits lil personal assistant tieghu li kienet imbaghad tikkordina mal-Finance Department. Meta gie mistoqsi ghal x'

hiex kien jirreferi l-cash withdrawal li huwa ghamel fl-2008 u gie rivelat lilu li huwa f' dak il-perjodu ma kienx indikat fuq l-official travel list tal-Korporazzjoni huwa rrisponda li fl-2014 u cioe' wara li ghaddew sitt snin ma kienx jiftakar izda qal ukoll li f' dan il-perjodu fejn ikunu saru l-verifiki mill-Finance Department u jkunu saru internal u external audits hadd qatt ma kellmu fuq ic-chit relattiva li tirreferi ghall cash withdrawal in dizamina. L-imputat kien spjega ulterjorment li in vista tal-fatt li huwa kien jokkupa l-kariga ta' non-executive Chairman u kellu anke x-xoghol iehor tieghu, kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn huwa kien ikun imsiefer fuq xoghol iehor jew ghal ragunijiet personali u jdahhal meetings konnessi mal-Korporazzjoni Enemalta.

Illi fil-kaz ta' dan l-uzu partikolari l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxilha tipprova li l-imputat b' xi mod jew ghamel uzu hazin minn dawk il-£200 li gibed mill-ATM jew li altrimenti utilizzahom ghalih personali jew ghal xi skop iehor oltre dak li kienu ntizi ghalih. L-unika raguni indikata mill-Prosekuzzjoni ghall-uzu hazin jew misappropjazzjoni hija ghaliex l-imputat ma kienx fuq l-official travel list tal-Korporazzjoni fid-data li effetwa din it-transazzjoni partikolari. Apparti li kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza ma giet prodotta ebda official travel list, din il-Qorti jidrilha li ma ngabet ebda prova li tindika sal-grad rikjest mill-Ligi li tirizulta r-rejita' ghall-misappropjazzjoni jew ghar-reati ta' frodi jew uzu hazin ta' fondi pubblici.

2. Ir-refund ta' zewg biljetti tal-ajru ghall-Miami.

Illi mill-provi rrizutla li originarjament ghall din il-konferenza ta' Miami kienu sejrin l-imputat u c-Chief Financial Officer ta' dak iz-zmien Joseph sive

Pippo Pandolfiuno akkompanjati min-nisa taghhom, izda wara li gew prenotati u mixtrija l-biljetti relattivi (Dok IA2 a fol. 120) u wara li sar upgrade ghal business class (Dok IA3 a fol 121) ghar-return flights, gie kancellat it-trip tac-Chief Financial Officer u ta' martu u sar refund tal-biljetti relattivi mill-Westland Travel. Il-Prosekuzzjoni tikkontendi f' dan ir-rigward li l-ammont ta' €3644 li kellu jinghata bhala refund lill-Enemalta ghall-biljetti kancellati tac-Chief Financial Officer u martu fuq struzzjonijiet permezz ta' email moghtija mill-imputat (Dok IA8 a fol 159 et seq) gew depozitati mill-Westland Travel fuq il-kont personali ta' Alexander Tranter.

Illi meta gie nterrogat u rrilaxxja l-istqarrijiet li ghalihom saret referenza aktar 'il fuq il-korp ta' din is-sentenza, l-imputat talab li jigi muri d-dokumentazzjoni relattiva u jsiru l-verifiki necessarji da parti tal-Enemalta u jekk kien jirrizulta li sar zball kien lest jirrifondi l-ammont li seta' jirrizulta li gie erronjament iddepozitat fil-kont tieghu. Mill-atti processwali u senjatament mix-xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla, jirrizulta li huwa ma nghatax tali dokumenti sabiex jivverifika.

Illi din il-Qorti izda wara ezami akkurat u metikoluz tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda dan ir-refund tal-flights ghall-Miami jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprovaw sal-grad tal-probabbli kif huwa tenut li jaghmel li r-refund ta' €3644 li sar mill-Westland Travel, fuq il-kont ta' Tranter u li ghalih jirreferu l-emails tal-20 ta' Jannar 2009 u tas-16 ta' Jannar, 2009 (a fol. 159) ma kienux jirriferu ghar-refund tal-biljetti tal-ajru tal-konjugi Pandolfino izda ghall xi refund iehor li seta' kien dovut lill-imputat minn Westland Travel ghal xi titjiriet ohra li huwa kkancella. Dan jinghad ghaliex mix-xhieda ta' Emanuel Vassallo in kontro

ezami waqt l-udenzja tal-10 ta' Novembru, 2017 u mid-dokument esebit mid-Difiza u mmarkat bhala Dok JG1 jirrizulta li fiz-zmien in dizamina li l-imputat kien qed jikkomunika ma' Westland Travel ghal titjiriet mhux konnessi mal-Enemalta ghall- Philadelphia u Londra. Irrizulta wkoll li l-hlas ghall-flights tan-nisa ta' Pandolfino u tal-imputat saru lil Westland Travel direttament minn certu Larry Axelroid li kien il-persuna li qed jorganizza l-konferenza ta' Miami, u ghalhekk mhux mill-Korporazzjoni Enemalta. Tajjeb li wiehed jinnota li l-emails in dizamina jirriferu ghar-refund of US flights u ma jirreferux specifikatament ghal Miami u mill kontro ezami li sar lil Vassallo u mill-verifiki li huwa ghamel tal-figuri rizultanti mid-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li l-figuri ma jikkunbacjawx u li r-refund ta' €3644 ma setghax effetivament kien qed jirreferi ghall-flights ta' Miami.

Illi dan ifisser li l-Prosekuzzjoni ma tistax titqies li rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ha r-refund tal-biljetti tal-konjugi Pandolfino u ta struzzjonijiet sabiex dawn jidhlu fil-kont personali tieghu.

3. L-ammont ta' €608.60 thallas ghall-akkomodazzjoni ta' Bronia Mercieca waqt l-IP week f' Londra.

Illi in kwantu jirrigwarda il-hlas tal-akkomodazzjoni ta' Bronia Mercieca waqt li l-IP week li saret Londra l-imputat spjega lill-investigaturi waqt l-interrogazzjoni li l-personal assistant tieghu ma kinitx tifforma parti mid-delegazzjoni Ufficjali li kellha tattendi ghall-IP week ghan-nom tal-Enemalta, izda kienet hadet il-vacation leave u hallset ghall-flight taghha

min butha sabiex tmur maghhom Londra u waqt li kienu hemm hija ofriet li tattendi ghal-meeting li kien jikkoncidi ma' meeting iehor fejn kellhom jattendu d-delegazzjoni tal-Enemalta u bhala sinjal ta' rikonoxximent ghal dan ix-xoghol l-imputat qal li hallas ghaz-zewgt iljieli akkomodazzjoni taghha bil-credit card tal-Enemalta intiza ghall-uzu tieghu.

Illi Bronia Mercieca meta xehdet f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2015 fejn spjegat kif hija kienet inghatat ir-responsabilita' mill-organizzazzjoni ta' konferenza Internazzjonali li kellha ssir Malta xi xhur wara l-IP week f' Londra u ghalhekk tablet li tattendi ghall-IP week sabiex tiehu idejat u esperjenza dwar il-mod kif kienu jitmexxew dawn it-tip ta' konferenzi.  Hija spjegat kif kienet hadet il-vacation leave u li kienet ser thallas minn butha ghal-ispejjez taghha konnessi ma din iz-zjara f' Londra. Hija kkonfermat ukoll li kienet attendiet ghal meeting fejn kienet qed tirraprezenta lill-Korporazzjoni Enemalta peress li l-membri tad-delegazzjoni kienu ser jattendu meeting iehor iffissat fl-istess hin u qalet li sabiex jirringrazzjaha talli attendiet ghal dan il-meeting ic-Chairman hallas ghal-akkomodazzjoni taghha.

Illi fil-fehma tal-Qorti dawn il-fatti ma jinkwadrawx ruhhom fir-reati ta' misapproprjazzjoni jew uzu hazin ta' fondi pubblici li bihom jinsab akkuzat l-imputat ghaliex minn imkien ma jirrizulta li huwa zamm jew uza l-flus ghalih.  Huwa inoltre bhala Chairman tal-Enemalta kellu d-diskrezzjoni dwar infieq ta' ammonti ferm akbar u ghalhekk il-mod kif ghazel li jezercita d-diskrezzjoni tieghu li jithallas ghall-akkomodazzjoni tal-personal assistant tieghu ghal xoghol li hija ghamlet ghall-Enemalta waqt il-

konferanza l-anqas ma tista' titqies li tikkonsisti f' uzu hazin ta' fondi pubblici.

4. Il-hlas tal-kontravenzjonijiet ta' traffiku bil-credit card intiza ghall-uzu ta' Chairman.

Illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni produciet lista tal-kontravenzjonijiet li thallsu bil-credit card tac-Chairman u dettalji ghal-vetturi li ghalihom kienu jirreferu hija naqset milli ggib il prova dwar min kien il-persuna akkuzat b' dawn il-kontravenzjonijiet.  Inoltre mill-provi rrizulta li l-vetturi ndikati kienu jintuzaw minn senior managers ohra apparti c-Chairman u li wahda minnhom kienet chauffeur driven.  Dan ifisser li l-istess Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista jitqies li rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat hallas kontravenzjonijiet tieghu personali bil-flus tal-Korporazzjoni Enemalta.

5. Ix-xiri tal-Laptop Sony Vaio

Illi l-Prosekuzzjoni tikkontendi li kien hemm misapproprjazzjoni da parti tal-imputat in kwantu jirrigwarda dan il-laptop ghaliex l-istess laptop ma kienx imnizzel fil-Fixed Assets Register tal-Korporazzjoni u ghaliex meta l-imputat irrezenja mill-kariga tieghu huwa zamm dan il-laptop.

Illi l-Qorti jidrilha li lanqas f' din l-istanza ma tista titqies li tirrizulta r-rejita ghall-misapproprjazzjoni ghaliex mill-provi rrizulta li dan il-kompjuter kien

imqabbad mas-sistema centrali tal-Enemalta u li ghalhekk kien jintuza ghal xoghol tal-Enemalta u fi kwalunkwe kaz l-imputat ma jistghax jitqies responsabbli ghaliex dan il-kompjuter ma tnizzilx fil-Fixed Assets Register. Inoltre l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tac-Chief Financial Officer Pandolfino li spjega li kienet il-policy tal-Korporazzjoni li c-Chairman u s-CEO izommu l-laptops li huma kienu jutilizzaw fl-ezekuzzjoni tal-kariga taghhom wara li jispiccaw mill-istess kariga.

L-uzu tal-credit card b' mod generali

Illi l-Prosekuzzjoni dehrilha li l-imputat kien qed jaghmel uzu hazin mill-credit card tal-Enemalta mahruga ghal-uzu tieghu bhala Chairman ghaliex kien hemm cirkolari jew Memorandum mahrug mill-Permanent Secretary fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi li kien jindika li waqt safar fuq xoghol kellhom jintuzaw il-per diem u subsistence allowances.

Illi mill-provi u senjatament mix-xhieda ta' Antoine Galea (Chief Financial Officer a fol. 280), Pippo Pandolfino (Chief Financial Officer a fol. 596) u Bronia Mercieca rrizulta li ma kienx hemm regoli dwar l-uzu tal-credit cards mahruga ghac-Chairman, CEO u senior management u li kienu jsiru verifiki u kontro – verifiki tal-istatments mill-Finance Department dwar l-uzu li kien isir minn dawn il-credit cards.  Irid inoltre jigi rilevat li huwa inverosimili li waqt safar fuq xoghol relatat mal-Korporazzjoni ma setghux jintuzaw dawn il-cards izda kellu jsir uzu biss tal-per diem u subsistence allowance ghaliex altrimentri ma kienx ikun hemm raguni valida il-ghala kellhom jinhargu dawn il-cards.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' titqies li rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur